**FIL-QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA’ ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT**
**DR. RACHEL MONTEBELLO B.A. LL.D**

**IL-PULIZIJA**
**[Spettur Kevin Pulis]**

**-Vs-**

**JOSEF SEYCHELL**

**Illum 9 ta’ Jannar 2023**

**Il-Qorti,**

Rat illi **JOSEF SEYCHELL** ta’ 27 sena, iben Adrian u Michelle nee` Massa imwieled il-Pieta’ nhar it-03 ta’ Lulju 1993, u resident ġewwa 48 Flat 1 Triq San Mark, il-Belt Valletta, Malta. Detentur tal-karta tal-identita’ bin-numru 0293493(M), kien tressaq quddiemha akkuzat talli nhar it-13 ta’ Mejju 2021 ghall-habta tal-17:00hrs u/jew fil-hinijiet ta’ qabel, gewwa dawn il-gzejjer:-

1. Ikkommeta serq ta’ mobile phone u/jew affarijiet oħra, liema serq huwa aggravat bin-natura tal-ħaġa misruqa u bil-valur, liema valur huwa aktar minn mitejn u tnejn u tletin ewro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (€232.94)

iżda ma huwiex aktar minn elfejn tlett mija u disgħa u għoxrin ewro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37), għad-dannu tat-*Lourdes Bianchi* u/jew persuni jew entitajiet oħra.

2. U aktar talli fl-istess dati, ħin, lok u ċirkostanzi, xjentement laqa' għandu jew xtara ħwejjeġ misruqa, jew meħuda b'qerq, jew akkwistati b'reat, jew xjentement b'kull mod li jkun indaħal biex ibiegħhom jew imexxihom.

3. U aktar talli fl-istess dati, ħin, lok u ċirkostanzi huwa akkużat talli b'hekk sar reċediv b'sentenzi mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistgħux jiġu mibdula.

Rat illi permezz ta' sentenza datata 14 ta' Lulju 2021 fuq ammissjoni filwaqt li sabet lil Josef Seychell ħati tal-ewwel imputazzjoni u tal-addebitu tar-recidiva, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta poġġietu taħt Ordni ta' *Probation* ghal zmien tlett (3) snin.

Rat illi permezz ta' deċiżjoni li ngħatat fit-3 ta' Awwissu 2022 fuq denunzja li saret permezz ta' Rikors ippreżentat fis-17 ta' Mejju 2022 mill-Uffiċjal tal-Probation Leon Farrugia, li kien ġie nominat biex isegwi lil Josef Seychell taħt l-Ordni ta' Probation, u wara li rat l-Artikolu 7 u l-Artikolu 10 tal-Att dwar il-Probation, ordnat li l-Ordni ta' Probation maħruġ fl-14 ta' Lulju 2021 jiġi emendat biex jinkludi bħala kundizzjoni:-

- *il-ħtieġa li l-probationer biex jeħles mill-vizzju tad-droga, jagħmel kura konsistenti f'programm ta' rijabilitazzjoni u dan billi minnufih jirrisjedi f'istituzzjoni mmexxija mill-Aġenzija Sedqa għal perijodu kontinwu u mhux interrott ta' mhux inqas minn tnax-il xahar; u*
- *jieħu wkoll kull kura jew trattament ieħor u joqgħod għad-direttivi kollha, li jistgħu jagħtuh l-Aġenzija jew persuni oħrajn li l-probationer jiġi riferut lilhom.*

u għall-bqija kkonfermat *in toto* l-kundizzjonijiet l-oħra inklużi fl-Ordni ta' Probation maħruġ fil-konfront tal-ħati fl-14 ta' Lulju 2021.

Rat ir-Rikors tal-Uffiċjal tal-Probation ippreżentat fl-20 ta' Diċembru 2022 fejn ġiet reġistrata denunzja oħra fil-konfront tal-istess *probationer* stante illi huwa naqas milli jipprovdi indirizz u milli jżomm komunikazzjoni mal-Uffiċjal tal-Probation iżda fuq kollox, naqas milli jwettaq il-programm ta' rijabilitazzjoni skont kif ordnat fit-3 ta' Awwissu 2022 u milli jirrisjedi fl-istituzzjoni hemm indikata għall-perijodu stabbilit.

Rat illi dan ir-Rikors ġie appuntat għas-smigħ għad-9 ta' Jannar 2023;

Semgħet ix-xhieda tal-Uffiċjal tal-Probation Leon Farrugia fis-seduta tad-9 ta' Jannar 2023, li kkonferma li Josef Seychell għad għandu problema akuta tad-droga u minkejja li beda programm residenzjali fi ħdan l-Aġenzija Caritas fil-25 ta' Novembru 2022, huwa telaq mill-istituzzjoni residenzjali fid-9 ta' Diċembru 2022 u reġa' mar lura għall-ħajja kaotika maħkuma mill-vizzju tad-droga.

Semgħet is-sottomissjonijiet orali tal-Prosekuzzjoni u tad-difiża;

Ikkunsidrat;

Illi huwa evidenti, kif diġa' ġie kostatat qabel, li dan il-vizzju tal-abbuż mid-droga qed iwassal biex Josef Seychell ikun ta' riskju għalih innifsu u għal saħħtu kif ukoll perikolu għas-soċjeta'. Jirriżulta wkoll illi minkejja l-opportunita' li tatu l-Qorti fis-sentenza tal-14 ta' Lulju 2021 u fid-deċiżjoni tat-3 ta' Awwissu 2022 – u dan għaliex fehmet illi unika possibbilita' vijabbli hi li jiġi ordnat jieħu sehem f'programm residenzjali għal perijodu ta' xejn inqas minn sena – Josef Seychell ma kienx kapaċi jużufruwixxi mill-għajnuna li ġie offrut lilu biex itejjeb ħajtu u jidher ukoll li m'għandu l-ebda motivazzjoni biex jagħmel dan.

Għaldaqstant, ġaladarba l-probationer naqas milli jħares il-ħtiġiet tal-Ordni ta' Probation u wera li mhux dispost li jobdi d-direttiva tal-Qorti li jidħol u jtemm b'suċċess programm residenzjali għall-kura tad-dipendenza tiegħu fuq id-droga minflok jingħata sentenza karċerarja, f'dan l-istadju, hija ma għandhiex għażla għajr li tirrevoka l-Ordni ta' Probation maħruġ fl-14 ta' Lulju 2021 kif emendat permezz tad-deċiżjoni li ngħatat fit-3 ta' Awwissu 2022 u tittratta mal-ħati għar-reati li dwarhom kien tpoġġa taħt probation, u dan bħallikieku għadu kemm ġie dikjarat ħati għal dawk ir-reati. Wara kollox, hija kienet diġa' għamlitha ċar fid-deċiżjoni li tat fit-3 ta' Awwissu 2022 illi "*n-nuqqas f'kull żmien tal-probationer li jikkonforma ruħu ma' din il-kundizzjoni ikun ifisser li fuq denunzja tal-Uffiċjal tal-Probation, hija tgħaddi minnufih biex tieħu l-provvedimenti kollha opportuni fosthom okkorrendo li tħassar l-Ordni tal-Probation u teroga l-piena skont il-liġi għar-reati li huwa nstab ħati tagħhom bis-sentenza tal-14 ta' Lulju 2021.*"

**Għaldaqstant, wara li rat l-Artikolu 21 tal-Att dwar il-Probation, qiegħda tirrevoka l-Ordni ta' Probation maħruġ fl-14 ta' Lulju 2021 kif sussegwentement emendat, u wara li reġgħet rat l-Artikoli 20, 49, 50, 261(ċ)(ġ), 271, 279(a), 280(1) u 289 tal-Kodiċi Kriminali, qiegħda tikkundanna lil JOSEF SEYCHELL sittax (16)-il xahar priġunerija effettiva.**

**Tordna wkoll ai termini tal-Artikolu 412D tal-Kodiċi Kriminali, il-ħruġ ta' Ordni ta' Trattament fil-konfront tal-ħati għal żmien tliet (3) snin, sabiex jingħata l-kura u trattament kollu meħtieġ biex jegħleb id-dipendenza tiegħu fuq id-droga.**

**Billi l-ħati għandu problema serja tal-abbuż tad-droga, il-Qorti tistieden lill-Kap Eżekuttiv tal-Aġenżija għas-Servizzi Korrettivi sabiex, anke għall-fini ta' implimentazzjoni tal-Ordni ta' Trattament appena maħruġ fil-konfront tal-ħati, jevalwa ċ-ċirkostanzi tal-istess ħati sabiex jekk ikun hekk meħtieġ, jiskonta l-perijodu ta' priġunerija fit-Taqsima Forensika tal-Isptar Monte Karmeli.**

**Tordna li kopja ta' din id-deċiżjoni tintbagħat lill-Kap Eżekuttiv tal-Aġenżija għas-Servizzi Korrettivi u lid-Direttur tas-Servizzi tal-Probation u Parole sabiex jieħdu konjizzjoni tagħha.**

**DR. RACHEL MONTEBELLO**
**MAĠISTRAT.**